Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Settembru 2016**
**(OR. en)**

**12000/16**

**COPEN 251**
**EUROJUST 105**
**EJN 49**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Christian BRAUN, Ambaxxatur/Rappreżentant Permanenti, Rappreżentant Permanenti tal-Lussemburgu għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 28 ta' Lulju 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja<br>- Notifika mil-Lussemburgu |

Għażiż Sinjur,

Għandi l-pjaċir ninfurmak li l-Lussemburgu implimenta d-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq permezz tal-Liġi tal-5 ta' Lulju 2016.

Aħna nippreżentaw in-notifiki u d-dikjarazzjonijiet li ġejjin f'konformità mad-diversi artikoli tad-Deċiżjoni Qafas:

Artikolu 6(1): Awtoritajiet kompetenti

*Meta l-Lussemburgu huwa l-Istat ta' eżekuzzjoni:*

Le Procureur général d'État, Parquet Général, Cité Judiciaire, L-2080 Luxembourg, posta-e: parquet-general@justice.etat.lu

*Meta l-Lussemburgu huwa l-Istat emittenti:*

Kwalunkwe awtorità ġudizzjarja nazzjonali li jkollha l-kompetenza li tordna miżura ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja.

Notifika skont l-Artikolu 9(4): Kriterji ta' trasmissjoni

Il-Lussemburgu jiddikjara li huwa lest li jagħti kunsens li tintbagħat id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tal-Istat li l-persuna tkun qiegħda tirrisjedi legalment u normalment fih, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun tat il-kunsens tagħha li din tintbagħat.

Notifika skont l-Artikolu 21(3): Konsenja tal-persuna

Il-Lussemburgu beħsiebu japplika l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Notifiki taħt l-Artikolu 24: Lingwi

Il-Lussemburgu jaċċetta l-Franċiż, il-Ġermaniż u l-Ingliż.

Jekk jogħġbok sib mehmuż kopja tal-Liġi tal-5 ta' Lulju 2016[1].

(Formola ta' għeluq)

(Is-Sur) Christian BRAUN

---

[1] Nota mis-Segretarjat: dan it-test mhux mehmuż mad-dokument attwali.